**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/8/17/S

Josette Abdilla
Vs
Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice

Illum 22 ta'Gunju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Josette Abdilla pprezentata fid-9 ta'Jannar,2017 u r-risposta ta' Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice ipprezentata fid-29 ta'Marzu,2017;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti filwaqt li l-intimat ma deherx;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'vacuum cleaner' li wara sitt xhur minn mindu inxrat, ma baqghitx tahdem filwaqt li l-intimat sostna fir-risposta tieghu li meta l-'vacuum cleaner' infethet, instab trab fin li haraq il-mutur;

Illi ghalkemm giet ipprezentata risposta, l-intimat ma deherx ghas-seduta;

Illi min-naha taghha, l-intimata ikkonfermat bil-gurament li l-uzu li ghamlet tal-'vacuum cleaner' kienet wiejed esklussivament domestiku;

Illi ma saritx il-prova daparti tal-intimat li r-rikorrenti ghamlet uzu hazing tal-'vacuum cleaner';

Illi l-verzjoni tar-rikorrenti hi verosimili u wiehed ma jistenniex li oggett ma jibqax jahdem wara biss sitt xhur;

Illi gjaladarba l-intimat ma ressaqx provi biex ixejjen il-verzjoni guramentata tar-rikorrenti, it-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha;

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Josette Abdilla filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice u Jordna lill-istess Robert Tabone ezercenti l-kummerc bhala Top Choice biex jaghti lil Josette Abdilla 'vacuum cleaner' gdid u l-istess bhal dak mixtri u fin-nuqqas, ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' €75.42 u dan fi zmien ghaxart ijiem mill-llum, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru